MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ

# IS-SEBA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 27/2017

Il-Ġimgħa 17 ta' Frar 2017

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Is-Sur Nicky Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Is-Sur Christian Cassar – Kunsillier
Chev Carmelo Saliba – Kunsillier
Is-Sinjura Sandra Grech – Kunsilliera
Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

ASSENTI:

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sinjura Josianne Cassar – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Nicky Saliba ippresjeda l-laqgħa.

### 27.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

27.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 27.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

27.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa bin-nru. 26/07/2017 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

27.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

27.2.3 Is-Sindku talab għall-approvazzjoni tal-minuti u staqsa għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu. Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

### 27.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

27.3.1 Is-Sindku beda l-laqgħa billi talab illi ssir minuta silenzju b'tifkira tas-Sur Pio Farrugia, Assistent Direttur fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

27.3.2 Is-Sindku qal illi s-sigar u l-pjanti li nżergħu fi Ġnien Serħan is-Sagħtrija mhux kollha għadhom ħajjin u kien hemm qbil li jinxtraw oħrajn ġodda biex jinbidlu dawk niexfa.

27.3.3 Is-Sindku issuġġerixxa li din is-sena ċ-ċerimonja għal Jum iż-Żebbuġ u l-għoti ta' Ġieħ iż-Żebbuġ issir f'Villa Fiorita. Dan wara li l-attivita` tal-Milied li saret għat-tfal fl-istess post kienet suċċess. Il-Kunsill qabel illi l-attivita` ssir is-Sibt, 29 t'April 2017 f'Villa Fiorita.

27.3.4 Is-Sindku staqsa lill-Viċi Sindku dwar il-kummenti li poġġa fis-sit soċjali tiegħu dwar Triq Għar Qawqla. Is-Sindku staqsieh jekk kellux dritt iwieġeb dak li wieġeb u kif seta kkonferma meta l-bord tal-aġġudikazzjoni għadu ma ltaqax. Il-Viċi Sindku wieġeb illi huwa mexa fuq risposta li ngħatat mill-Kunsill stess u għandu dritt iwieġeb. Chev C Saliba stqarr li l-paġna tal-*facebook* tal-Kunsill għandha tkun is-sors ewlieni tal-

informazzjoni tal-Kunsill u dmir tagħna li nagħmlu *sharing* ta' dak li jiġi poġġut. Jekk ma jsirx dan mhux qed tiġi segwita u osservata l-proposta li kienet għaddiet u approvata mill-Kunsill.

27.3.5 Dwar il-*patching* tat-toroq fiċ-ċirkustanzi li jinsab fihom il-Kunsill ġie ssuġġerit illi jinxtraw boroz tat-tarmak lesti li ma jaqbiżx l-ammont permess minn *direct order.* Dan biex jitnaqqas il-periklu li jista jeżisti bil-ħofor li hemm fit-toroq.

## 27.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

27.4.1 Chev C Saliba flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv attendew laqgħa ma' Ms M Falzon tal-Meusac dwar l-applikazzjoni tal-ġemellaġġ. Chev C Saliba qal li l-proċess għall-ġemellaġġ inbeda.

27.4.2 F'din l-istess laqgħa ġiet diskussa wkoll l-applikazzjoni M4.3 għal *resurfacing* ta' toroq rurali. Il-*funding* ta' din l-applikazzjoni huwa ta' 90:10. Chev C Saliba ssuġġerixxa li ssir Triq Wied l-Infern li tibda minn Tal-Ħamra u tasal sa Marsalforn. Il-Kunsill qabel illi japplika sabiex isir ix-xogħol f'din it-triq taħt din l-applikazzjoni u l-Perit tal-Kunsill għandu jibda l-proċeduri meħtieġa.

27.4.3 Chev C Saliba qal illi kien ta' unur għall-lokalita` tagħna li Fabio Cini ntgħażel mal-aħħar sitt finalisti għall-premju tal-Kerygma.

27.4.4 Chev C Saliba staqsa dwar jekk inxtrawx il-*bollards* biex jintużaw meta jkollna xi attivita`. Is-Sindku wieġeb li saret il-*purchase order* għall-*barriers*.

## 27.5 Korrispondenza, Ilmenti u Suġġerimenti;

27.5.1 Ċirkulari Nru. 6/2017 tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali – *Allowance* lill-Kunsillieri.

27.5.2 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali f' kollaborazzjoni mal-Awtorita' tal-Ippjanar qed iniedi l-i*Standard Operating Procedure* 1/2017 li tirrigwardja l-iSkema "Irrestawra Darek".

27.5.3 Dr Tatiane Scicluna Cassar mill-Ministeru għal Għawdex bagħtet korrispondenza lill-Kunsill fejn infurmatu li l-Ministeru lest li jħallas il-kontijiet tad-dawl u l-ilma li hemm pendenti tal-*playing field*. Wara li jsir dan il-ħlas il-Ministeru ser jieħu ħsieb jaqleb dawn il-kontijiet fuq il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ.

27.5.4 L-Awtorita` tal-Ippjanar bagħtet korrispondenza lill-Kunsill fejn infurmatu li l-bilanċ tal-Kunsill sal-31 ta' Diċembru 2016 huwa €104,747.52.

27.5.5 Heritage Malta bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Il-Mużew ta' Għawdex'.

27.5.6 Il-Perit E Scerri talab lill-Kunsill biex iqabbad *Health & Safety Officer* minħabba x-xogħol tal-latrina fix-Xwejni. Huwa ssuġġerixxa li nkellmu lill-Inġ. Mario Galea ta' Galea Curmi Engineering. Il-Kunsill qabel.

27.5.7 Is-Sindku talab sabiex tintbagħat *email* lill-Perit dwar żewġ blatiet li huma perikolużi jridu jiġu mirfuda fis-sit ta' fejn qed isir il-bini tal-latrina fix-Xwejni. Il-Kunsill qabel.

27.5.8 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-membri tal-Kunsill li tħallset is-somma ta' €774.23 lill-ARPA bħala interessi tal-proġett M413 tal-Pjazza u Skapuċċina. Dan sar billi sakemm daħlet fil-kariga d-Deputat Segretarju Eżekuttiv, korrispondenzi mill-ARPA biex isir dan il-ħlas ġew injorati.

27.5.9 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li ġiet ikkonsultata mill-Jobsplus sabiex jinbidlu r-rekwiżiti għall-ingaġġ ta' persuna taħt l-iskema ta' *Community Employment Inclusive Scheme* (CIES) peress li bir-rekwiżiti li ntalbu qabel ħadd ma kien eleġibbli. Issa li nbidlu r-rekwiżiti l-Kunsill ġie mitlub biex jaħseb biex jagħmel l-intervisti lill-persuni li ser japplikaw taħt din l-iskema. Din l-iskema tħaddem impjegati b'kuntratt għal tlett snin li jiġġedded kull sena.

27.5.10 Il-Perit tal-Kunsill informa li dwar il-*bus shelter* ta' Triq il-Knisja trid issir applikazzjoni għall-permess mal-Awtorita` tal-Ippjanar. Chev C Saliba ssuġġerixxa li l-*bus stop* eżistenti li hemm fi Triq il-Knisja jintalab permess biex titwaħħal fejn proposta l-*bus shelter*. B'hekk il-*bus stop* tiġi

kumplimentata b'*bus shelter*. Il-Kunsill qabel li l-ewwel jitlob biex titmexxa l-*bus stop*.

27.5.11 Ilment 06/2017 – il-Viċi-Sindku ressaq dawn il-proposti:

- Jitranġa l-moll fis-*slipway* tax-Xwejni peress li ġralu ħsara bil-maltemp u qiegħed ta' periklu. Is-Sindku qal illi biex isir dan ix-xogħol hemm spiża konsiderevoli. Għaldaqstant il-Kunsill qabel illi ssir stima mill-Perit u din tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.
- Terġa teħel tabella fis-*slipway* b'ħames lingwi *(priority to boats)*. Il-Kunsill qabel illi din terġa' ssir meta l-offerta tat-tabelli tkun fis-seħħ.
- Jitranġaw il-*barriers* li hemm ħdejn l-iskola peress li s-saqajn maqlugħin. Il-Kunsill qabel illi dan ix-xogħol isir minn Charles Cini.

27.5.12 Ilment 07/2017 – Chev. C. Saliba
Issuġġerixxa biex jittella *musical* 'Ikun li Trid Int' ta' Dame Marie Therese Vassallo fil-Knisja Arċipretali taż-Żebbuġ nhar it-Tlieta, 11 t'April 2017. L-ispejjeż għal din l-attivita` huma ta' €527.30 għall-orkestra u t-trasport. Chev C. Saliba qal ukoll illi ma' dawn l-ispejjeż irridu nżidu *snack* li jingħata wara l-*performance*. Il-Kunsill qabel unanimament.

27.5.13 Ilment 08/2017 – is-Sur T Vella talab sabiex issir tiswija tas-*slipway* fix-Xwejni. Dan l-ilment ġie diskuss f'*item* 27.5.11.

27.5.14 Il-Viċi Sindku talab sabiex arblu tad-dawl li hemm fin-nofs tal-bankina ħdejn ir-residenza tas-Sur R Zammit fi Pjazza l-Assunta jinqala' mill-Korporazzjoni EneMalta u jitpoġġa mal-ġenb. Il-Kunsill qabel.

27.5.15 Il-LESA ssuġġeriet li dwar l-ilment anonimu, li kien daħal il-Kunsill u li tiegħu kienet ikkuppjata wkoll il-LESA dwar Sqaq ta' Sajku, għandhom isiru tabelli li jindikaw li hija żona pedonali. Dan is-suġġeriment ma ġiex milqugħ mill-Kunsill billi ittri anonimi huma bla valur.

27.5.16 Inġabru żewġ kwotazzjonijiet għat-trasport tat-tfal tal-iskola tal-*Kinder* minn Marsalforn. Dawn kienu ta':

- Paul Borg - €40;
- Godfrey Borg - €46.

Dan il-prezz huwa għal kull ġurnata skolastika u t-tfal ikunu akkumpanjati minn adult matul il-vjaġġ. Chev C Saliba staqsa x'inhi l-prattika f'Kunsilli

Lokali oħra. Wara diskussjoni l-Kunsill qabel illi l-Kunsill jista jagħti servizz daqs kemm iħallas għall-istudenti taż-Żebbuġ mingħajr ma jidħol responsabbli fid-doveri tal-ġenituri jew ta' dawk inkarigati.

27.5.17 Il-Korporazzjoni EneMalta nfurmat lill-Kunsill sabiex jagħmel ix-*shifting* t'erba' lampi fi Triq il-Qbajjar u tnejn fi Triq is-Sagħtrija. Dan irid isir peress l-arbli li kienu mwaħħla magħhom inbidlu għax kienu fi stat deterjorat. Il-prezz għal dan ix-xogħol huwa ta' €95.61 għal kull lampa. Il-Kunsill qabel illi jsir dan ix-xogħol.

27.5.18 L-Inġinier Mario Cauchi mill-Ministeru għal Għawdex kiteb lill-Kunsill sabiex lampa li tinsab imwaħħla ħdejn il-gabbana li hemm fuq il-pont ta' Marsalforn tista' tinqala' peress li m'għadx għad hemm bżonnha wara li ġie stallat id-dawl il-ġdid. Il-Kunsill qabel illi din il-lampa teħel fil-post indikat l-ewwel wieħed fil-lista ta' bozoz approvati.

27.5.19 Il-Kunsill qabel illi jiġbor kwotazzjonijiet għal *business cards* għall-Kunsilliera. L-ammont għandu jkun 500 għal kull membru.

27.5.20 Il-Kunsill qabel illi jorganizza ħarġa kulturali f'Malta f'Marzu għar-residenti.

## 27.6 Kera tal-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

27.6.1 Ġie deċiż illi dan l-*item* jiġi diskuss f'laqgħa oħra.

## 27.7 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji (budget) għas-sena 2017

26.7.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-estimi finanzjarji (budget) għas-sena 2017.
Il-Kunsill iddiskuta dawn l-estimi flimkien mal-*Accountant* tal-Kunsill u ġew approvati unanimament.

## 27.8 Approvazzjoni tal-*Financial Statements* għas-sena 2016

27.8.1 Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kamra l-*Financial Statements* għas-sena 2016.

Il-Kunsill iddiskuta dawn il-*Financial Statements* mal-*Accountant* tal-Kunsill u ġew approvati unanimament.

## 27.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv

27.9.1 Il-minuti tal-laqgħa bin-nru. KAM21/2016 tat-Tnejn 12 ta' Diċembru 2016 tal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn ittieħdu bħala approvati mill-Kunsill.

## 27.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

27.10.1 Skeda tal-ħlasijiet bin-nru. 21/2017 – DOK A għall-perijodu bejn il-21 ta' Jannar 2017 u l-14 ta Frar 2017 li tammonta għal €42,124.13 kienet approvata u ffirmata.

## 27.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

27.11.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fit-8.20 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għall-Ġimgħa 10 ta' Marzu 2017 fil-5.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum il-Ġimgħa 10 ta' Marzu 2017.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Nicky Saliba | Josianne Cassar |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |